Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2022/2139(INI)

10.1.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar ir-regolamentazzjoni tal-prostituzzjoni fl-UE: l-implikazzjonijiet transfruntieri u l-impatt tagħha fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa
(2022/2139(INI))

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

Rapporteur: Maria Noichl

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 8

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar ir-regolamentazzjoni tal-prostituzzjoni fl-UE: l-implikazzjonijiet transfruntieri u l-impatt tagħha fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet tan-nisa
(2022/2139(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 4 u 5 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1949 dwar is-Soppressjoni tat-Traffikar tal-Bnedmin u l-Isfruttament tal-Prostituzzjoni ta' Oħrajn,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni tal-1979 dwar l-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW), li għandha l-għan li telimina kull forma ta' traffikar u sfruttament tan-nisa fil-prostituzzjoni,

– wara li kkunsidra l-Protokoll ta' Palermo tal-2000 għall-Prevenzjoni, Soppressjoni u Punizzjoni tat-Traffikar ta' Persuni, Speċjalment Nisa u Tfal, li jissupplimenta u huwa anness mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali,

– wara li kkunsidra l-ħidma tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar it-traffikar tal-persuni, speċjalment tan-nisa u t-tfal,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' April 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-bnedmin 2021-2025 (COM(2021)0171) u d-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI[1] (id-Direttiva Kontra t-Traffikar),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-isfruttament sesswali u l-prostituzzjoni u l-impatt tagħhom fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi[2],

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni Ġenerali Nru 38 (2020) tal-20 ta' Novembru 2020 dwar it-traffikar ta' nisa u bniet fil-kuntest tal-migrazzjoni globali tal-Kumitat għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) tal-10 ta' Ġunju 2021 bit-titolu "Innaqqsu d-domanda li trawwem it-traffikar għall-iskop tal-isfruttament sesswali",

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Frar 2021 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-

[1] ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1.
[2] ĠU C 285, 29.8.2017, p. 78.

protezzjoni tal-vittmi tiegħu[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tat-8 ta' April 2014 bit-titolu "Prostituzzjoni, Traffikar tal-Bnedmin u Skjavitù Moderna fl-Ewropa",

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A9-0000/2023),

A. billi l-prostituzzjoni, l-isfruttament tagħha, u t-traffikar għal skopijiet ta' sfruttament sesswali qed jiżdiedu; billi huma fenomeni speċifiċi għas-sessi b'dimensjoni globali u jaffettwaw lill-membri l-aktar emarġinati tas-soċjetajiet tagħna, bil-maġġoranza kbira tal-persuni fil-prostituzzjoni huma nisa u bniet u kważi x-xerrejja tas-sess kollha huma rġiel;

B. billi l-kliem aċċettat internazzjonalment użat fil-biċċa l-kbira tat-testi legalment vinkolanti huwa l-prostituzzjoni tan-nisa u l-prostituzzjoni;

C. billi miżuri regolatorji differenti dwar il-prostituzzjoni għandhom effetti differenti fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi;

D. billi n-nisa fil-prostituzzjoni jiffaċċjaw aktar vjolenza u sfruttament min-nisa bħala medja;

E. billi l-iżgurar tal-integrità fiżika ta' kulħadd u l-garanzija tal-ugwaljanza u r-rispett għad-drittijiet tan-nisa jridu jkunu fil-qalba tal-politiki tal-Istati Membri u tal-UE;

F. billi hemm rabtiet qawwija bejn il-prostituzzjoni u l-kriminalità organizzata bħat-traffikar tal-bnedmin;

G. billi bosta fatturi jikkawżaw lill-persuni biex jidħlu fil-prostituzzjoni, inklużi l-faqar, l-esklużjoni soċjali u sfond ta' migrazzjoni;

H. billi l-prostituzzjoni għandha implikazzjonijiet transfruntieri u taffettwa d-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi; billi d-disparità tal-leġiżlazzjoni dwar il-prostituzzjoni fl-UE hija ta' benefiċċju għat-traffikanti u għan-networks tal-kriminalità organizzata; billi l-Istati Membri kollha għandhom obbligu legali li jiskoraġġixxu u jtemmu t-traffikar tal-bnedmin u l-kriminalità organizzata;

Tqabbil bejn l-Istati Membri

1. Jinnota li l-approċċi għar-regolazzjoni tal-prostituzzjoni jvarjaw madwar l-UE u jimmiraw lejn tliet komponenti ewlenin ta' din is-sistema: persuni prostituti, ix-xiri tas-sess (jiġifieri d-domanda), u t-tħaddim furzat fil-prostituzzjoni; jisħaq li l-liġijiet differenti għandhom effetti differenti fuq in-nisa fil-prostituzzjoni, id-drittijiet tagħhom, id-drittijiet tan-nisa b'mod ġenerali, l-ugwaljanza bejn is-sessi, id-domanda, is-soċjetà u l-pajjiżi ġirien;

[3] ĠU C 465, 17.11.2021, p. 30.

2. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' data affidabbli, preċiża u komparabbli fost il-pajjiżi;

Ir-realtà fil-prostituzzjoni

3. Jinnota li n-nisa fil-prostituzzjoni jesperjenzaw aktar vjolenza min-nisa bħala medja; jirreferi għal studju tal-2019 mill-Ministeru Federali Ġermaniż għall-Affarijiet tal-Familja, l-Anzjani, in-Nisa u ż-Żgħażagħ, li jgħid li 41 % tan-nisa fil-prostituzzjoni mistħarrġa kienu esperjenzaw vjolenza fiżika jew sesswali (jew it-tnejn) fil-kuntest tal-prostituzzjoni;

4. Jissottolinja s-sejbiet ta' dan l-istudju fir-rigward tal-esperjenzi tan-nisa fil-prostituzzjoni mal-abbuż fit-tfulija u l-adoloxxenza;

5. Jissottolinja li l-kunsens jista' jingħata biss b'mod ħieles meta ma jkun hemm l-ebda żbilanċ fil-poter bejn il-persuni involuti; jinnota, fl-istess ħin, li jista' jkun diffiċli ħafna għan-nies li jirrealizzaw li huma vittmi, speċjalment meta ma jkunux jafu d-drittijiet tagħhom, u jfakkar fid-dinamika ta' relazzjoni abbużiva;

6. Jinnota li d-deterjorament tas-sitwazzjoni soċjali u ekonomika bħala riżultat tal-pandemija tal-COVID-19 żied il-forom kollha ta' abbuż u vjolenza kontra n-nisa, inkluża l-prostituzzjoni; iwissi li dan se jkompli jiggrava bil-kriżi attwali tal-enerġija u tal-għoli tal-ħajja;

7. Jissottolinja li l-Parlament Ewropew irrikonoxxa, fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-isfruttament sesswali u l-prostituzzjoni u l-impatt tiegħu fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi, li l-prostituzzjoni u l-isfruttament sesswali huma ksur tad-dinjità tal-bniedem, jiksru l-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem bħall-ugwaljanza bejn is-sessi u għalhekk imorru kontra l-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; ifakkar li ddefinixxa l-prostituzzjoni bħala forma serja ta' vjolenza u sfruttament fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2022 dwar il-faqar tan-nisa fl-Ewropa[4];

L-impatt fuq in-nisa fil-prostituzzjoni

8. Jikkundanna l-fatt li n-nisa fil-prostituzzjoni ma għandhomx sigurtà legali minħabba l-kriminalizzazzjoni tagħhom, li jfisser li jiffaċċjaw it-theddida kostanti ta' persekuzzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja, huma suġġetti għal vulnerabbiltà u stigmatizzazzjoni addizzjonali li jaffettwaw ħażin is-saħħa tagħhom, u konsegwentement jesperjenzaw diffikultajiet biex jikkuntattjaw servizzi ta' appoġġ u nuqqas ta' aċċess għad-drittijiet fundamentali; jiddeplora l-fatt li, fl-istess ħin, il-klijenti, is-sidien tal-burdell u t-traffikanti tal-bnedmin spiss jibqgħu ma jiġux ikkastigati;

9. Jiġbed l-attenzjoni għall-konsegwenzi negattivi tad-dekriminalizzazzjoni tat-tħaddim furzat fil-prostituzzjoni u x-xiri tas-sess, li, permezz tan-normalizzazzjoni apparenti tas-soċjetà ta' dawn l-attivitajiet, twassal għal żieda fit-traffikar tal-bnedmin għall-isfruttament sesswali u taħbi r-realtà ta' koerċizzjoni, manipulazzjoni, vjolenza u sfruttament fil-prostituzzjoni, fejn jiġu sfruttati n-nuqqas ta' ħiliet lingwistiċi, il-vulnerabbiltajiet u l-kundizzjonijiet prekarji biex in-nisa jidħlu u jibqgħu fil-prostituzzjoni; jiddispjaċih għall-fatt li anke l-legalizzazzjoni tal-prostituzzjoni, tat-

[4] Testi adottati, P9_TA(2022)0274.

tħaddim furzat fil-prostituzzjoni u tax-xiri tas-sess ma tfissirx tmiem għall-istigma għan-nisa fil-prostituzzjoni;

10. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li numru dejjem jikber ta' pajjiżi qed jadottaw u jimplimentaw il-mudell Nordiku/tal-Ugwaljanza; jappoġġja l-isfond femminista ta' dan il-mudell u l-għan tiegħu li tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi, u jenfasizza l-effetti pożittivi tal-mudell fuq id-drittijiet tal-persuni fil-prostituzzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin;

Domanda

11. Jinnota li l-prostituzzjoni u t-traffikar għal sfruttament sesswali jeżistu biss minħabba li hemm domanda għalihom;

12. Jinnota li d-dekriminalizzazzjoni tat-tħaddim furzat fil-prostituzzjoni u tax-xiri tas-sess iżżid id-domanda, tagħti s-setgħa lin-naħa tad-domanda u tinnormalizza x-xiri tas-sess; jissottolinja li madankollu tippersisti l-istigmatizzazzjoni tal-persuni fil-prostituzzjoni, speċjalment tan-nisa;

L-impatt fuq it-traffikar tal-bnedmin għall-isfruttament sesswali

13. Jinsab imħasseb li l-legalizzazzjoni tal-prostituzzjoni tippromwovi strutturi legali li warajhom jistgħu jinħbew it-traffikanti;

14. Jisħaq li t-traffikar tal-bnedmin għall-iskop ta' sfruttament sesswali qed jiżdied minħabba domanda għolja; jirrimarka li dan huwa partikolarment viżibbli f'pajjiżi b'mudell regolatorju liberali, billi pajjiżi li jsegwu approċċi bħall-mudell Nordiku/tal-Ugwaljanza ma għadhomx swieq kbar għat-traffikar tal-bnedmin għal dak il-għan;

Impatt transfruntiera

15. Jinnota li l-approċċi differenti għar-regolamentazzjoni fl-UE għandhom effetti differenti u li n-nisa fil-prostituzzjoni għandhom drittijiet u protezzjonijiet differenti fi Stati Membri differenti tal-UE; jissottolinja li, bħala medja, 70 % tal-individwi fil-prostituzzjoni fl-UE huma nisa migranti u li t-traffikar għal skopijiet ta' sfruttament sesswali jaffettwa l-aktar lin-nisa u lill-bniet li ġejjin mil-Lvant tal-Unjoni Ewropea;

16. Jisħaq li r-regoli diverġenti jfissru li xi Stati Membri tal-UE għandhom aktar vittmi tat-traffikar tal-bnedmin minn oħrajn u li l-moviment liberu fl-UE jgħin biex in-nies jiċċaqilqu minn suq għall-ieħor;

L-impatt fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet tan-nisa

17. Jenfasizza li n-natura speċifika għall-ġeneru tal-prostituzzjoni tirrifletti u tirreplika r-relazzjonijiet ta' poter prevalenti; jisħaq li l-prostituzzjoni u l-isfruttament sesswali huma kemm kawża kif ukoll konsegwenza tat-trattament mhux ugwali tan-nisa u l-irġiel u jirreplikaw u jipperpetwaw sterjotipi dwar in-nisa u l-irġiel;

18. Jisħaq li l-effetti differenti ta' miżuri regolatorji differenti fuq l-irġiel, iż-żgħażagħ u s-soċjetà kollha kemm hi;

Ir-rwol tal-Istati Membri u tal-UE

19. Jissottolinja l-obbligu tal-Istati Membri li jipproteġu d-drittijiet tan-nisa u l-integrità fiżika u jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi, u jenfasizza r-rwol tal-UE li tagħmel dan fi ħdan il-komunità internazzjonali u li toħloq protezzjoni ugwali u drittijiet ugwali fl-Istati Membri kollha;

20. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu azzjoni fl-oqsma tal-prevenzjoni, id-dekriminalizzazzjoni tal-persuni fil-prostituzzjoni, fil-programmi ta' ħruġ, fit-tnaqqis tad-domanda, fl-ikkastigar tal-klijenti, fid-destigmatizzazzjoni u fl-eliminazzjoni tal-isterjotipi; jistieden lill-Istati Membri jnaqqsu d-domanda filwaqt li jipproteġu lin-nisa u d-drittijiet tagħhom, itemmu l-kriminalizzazzjoni u l-istigmatizzazzjoni tal-persuni fil-prostituzzjoni u jiżguraw strateġiji ta' ħruġ u aċċess bla kundizzjonijiet għas-sistemi tas-sigurtà soċjali u l-integrazzjoni mill-ġdid;

21. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li jkun punibbli bħala reat kriminali li wieħed jitlob, jaċċetta jew jikseb att sesswali minn persuna bi skambju għal remunerazzjoni, il-wegħda ta' remunerazzjoni, l-għoti ta' benefiċċju in natura jew il-wegħda ta' tali benefiċċju;

22. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiġġieldu kontra l-kawżi ekonomiċi, soċjali u kulturali tal-prostituzzjoni sabiex in-nisa f'sitwazzjonijiet ta' faqar, esklużjoni soċjali, diskriminazzjoni u migrazzjoni ma jisfawx vittmi ta' dan it-tip ta' sfruttament;

23. Jappella għal miżuri speċifiċi biex jgħinu lin-nisa fil-prostituzzjoni tar-reintegrazzjoni soċjali u professjonali tagħhom; jappella biex tali programmi ta' ħruġ jaħdmu gradwalment, biex in-nisa jiġu appoġġjati fil-perkors personali tagħhom u biex il-potenzjal tal-persuni jiġi rikonoxxut, u biex it-taħriġ professjonali u l-programmi ta' edukazzjoni avvanzata jiġu adattati biex iqisu dan;

24. Jappella għal appoġġ psikoloġiku, mediku u soċjoekonomiku komprensiv għall-vittmi u għas-superstiti;

°

° °

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Id-dibattitu dwar il-kwistjoni tal-prostituzzjoni u r-regolamentazzjoni tagħha bħalissa jinsab għaddej f'ħafna Stati Membri u madwar id-dinja. Ir-regolamenti, li jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor, iwasslu għal realtajiet diversi u impatti fuq il-persuni fil-prostituzzjoni li jkunu diżappuntanti u li ma jagħmlux ġustizzja magħhom u s-sitwazzjonijiet individwali tagħhom.

Is-suġġett, li fil-prinċipju jaffettwa biss ftit nies fis-soċjetà direttament, huwa diskuss b'mod emozzjonali, xi kultant anke bla waqfien. Meta wieħed iqis li l-prostituzzjoni, l-isfruttament tagħha u t-traffikar bl-iskop ta' sfruttament sesswali qed jiżdiedu, fenomeni speċifiċi għas-sessi u globali, li jħallu impatt fuq l-aktar vittmi ta' diskriminazzjoni fis-soċjetajiet tagħna, irridu niżguraw li d-drittijiet tan-nisa jkunu fil-qalba ta' din id-diskussjoni. Barra minn hekk, irridu nirrikonoxxu: huma n-nisa u l-bniet l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà li nsibu fil-prostituzzjoni – madwar id-dinja kollha. Barra minn hekk nafu li l-aktar persuni emarġinati ma jsibux ruħhom hemm fuq il-bażi ta' deċiżjoni verament libera, iżda ta' spiss minħabba nuqqas kbir ta' alternattivi f'soċjetà kapitalista u patrijarkali. In-normalizzazzjoni apparenti tal-prostituzzjoni li qed isseħħ f'ħafna Stati Membri taħbi r-realtà ta' koerċizzjoni, manipulazzjoni, vjolenza u sfruttament. Din taħbi l-fatt li n-nuqqas ta' ħiliet lingwistiċi, is-sitwazzjonijiet prekarji, il-faqar u l-esklużjoni soċjali jintużaw biex iġibu lin-nisa fil-prostituzzjoni biex jiżguraw l-aċċess tal-irġiel għall-iġsma tan-nisa. Studju ġdid li interroga l-klijenti tal-prostituti fil-Ġermanja sab li l-biċċa l-kbira tax-xerrejja tas-sess jafu li n-nisa fil-prostituzzjoni la huma ħielsa u lanqas volontarjament fejn qegħdin. Barra minn hekk, dan juri li jaċċettawha din, jippreferu jagħlqu għajnejhom fuq is-sitwazzjoni tagħhom jew li saħansitra din tagħtihom sensazzjoni addizzjonali ta' poter.

Il-prostituzzjoni hija forma ta' vjolenza u kemm kawża kif ukoll konsegwenza tal-inugwaljanza bejn is-sessi. In-natura speċifika għall-ġeneru tal-prostituzzjoni tirrifletti r-relazzjonijiet ta' poter prevalenti fis-soċjetà tagħna. Il-prostituzzjoni tirriproduċi u tipperpetwa l-isterjotipi dwar in-nisa u l-irġiel. Dan jinkludi b'mod ċar il-perspettiva li l-iġsma tan-nisa u tal-bniet iridu jkunu għall-bejgħ sabiex jissodisfaw id-domanda tal-irġiel għas-sess, u l-perspettiva li l-irġiel iridu u għandhom id-dritt li jgħixu s-sessualità tagħhom ma' persuna oħra. Dan għandu wkoll impatt ċar fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-twettiq ulterjuri tad-drittijiet tan-nisa.

Il-prostituzzjoni għandha wkoll implikazzjonijiet transfruntieri għan-nisa, id-drittijiet tagħhom u l-ugwaljanza bejn is-sessi u għalhekk jeħtieġ li tiġi indirizzata kollettivament fil-livell Ewropew biex jiġi żgurat li n-nisa kullimkien igawdu l-istess drittijiet u protezzjoni. Għax iċ-ċifri juruna li n-nisa fil-prostituzzjoni huma dejjem aktar esposti għall-vjolenza u l-isfruttament. Is-sitwazzjoni tas-saħħa tagħhom hija partikolarment prekarja meta mqabbla mal-bqija tal-popolazzjoni. L-istigmatizzazzjoni tagħhom, li tippersisti sew jekk il-prostituzzjoni hijiex jew le, tikkontribwixxi wkoll għal dan. Hija biss in-naħa tax-xiri li tiġi destigmatizzata, kif ukoll il-profitt mill-prostituzzjoni ta' persuna oħra. Madankollu, il-persuni fil-prostituzzjoni jkomplu jiġu emarġinati u stigmatizzati. Barra minn hekk, l-aċċess għad-drittijiet fundamentali tagħhom huwa mxekkel.

Hemm ukoll għadd ta' rabtiet bejn il-prostituzzjoni u l-kriminalità organizzata, bħat-traffikar tal-bnedmin, it-traffikar tad-drogi, eċċ. Nafu li f'pajjiżi bit-tħaddim furzat fil-prostituzzjoni u x-xiri tas-sess dekriminalizzati u l-infrastruttura legali assoċjata miegħu, it-traffikar ta' nisa

vulnerabbli u ta' minorenni għall-isfruttament sesswali huwa ffaċilitat u mħeġġeġ.

Għandna bżonn approċċ mifrux mal-Ewropa kollha sabiex id-domanda u s-suq għall-prostituzzjoni mhux sempliċiment jimxu għall-Istat Membru li jmiss u li d-drittijiet tan-nisa jistgħu jiġu żgurati b'mod transfruntieri u n-nisa kollha jistgħu jiġu protetti mill-isfruttament.

Il-kriminalizzazzjoni tal-persuni fil-prostituzzjoni ma tistax tkun soluzzjoni. Din tirriżulta biss f'nuqqas ta' sigurtà legali, bit-theddida kostanti tal-pulizija u l-prosekuzzjoni tal-qorti, vulnerabbiltà addizzjonali u stigmatizzazzjoni u effetti negattivi fuq is-saħħa u s-sikurezza, kif ukoll id-diffikultà li tirriżulta biex jiġu kkuntattjati s-servizzi ta' appoġġ u nuqqas ta' aċċess għad-drittijiet bażiċi għall-persuni fil-prostituzzjoni. Għalhekk issa wasal iż-żmien li l-Istati Membri jieħdu miżuri fl-oqsma tal-prevenzjoni, id-dekriminalizzazzjoni tal-persuni fil-prostituzzjoni, filwaqt li jappoġġjaw programmi ta' ħruġ u ta' integrazzjoni mill-ġdid, id-destigmatizzazzjoni u t-tnaqqis ta' sterjotipi u ma jevitawx li jikkastigaw lill-klijenti. Għax fl-aħħar mill-aħħar hija d-domanda tagħhom li hija l-bażi għall-isfruttament li jsir fil-prostituzzjoni. Id-domanda tagħmel il-kummerċ fin-nisa attraenti. Id-domanda tieħu vantaġġ mill-vulnerabbiltajiet u n-nuqqas ta' alternattivi. U d-domanda tilleġittimizza sistema ta' inugwaljanza u sfruttament li fiha n-nisa u t-tfal huma l-vittmi primarji.

Il-femminiżmu huwa l-ġlieda kontra sistema, kontra l-patrijarkat. Din il-ġlieda dejjem ipprovokat il-protesti. Il-fatt li ma hemmx tali protesta fil-każ tal-legalizzazzjoni tat-tħaddim furzat fil-prostituzzjoni u x-xiri tas-sess għandu jġegħilna nirriflettu.